REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 30/2009

tas-16 ta' Jannar 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1032/2006 f'dak li jikkonċerna r-rekwiżiti għal sistemi awtomatiċi ta' skambju tad-dejta tat-titjira li jappoġġjaw is-servizzi ta' kollegamenti tad-dejta (servizzi data-link)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-Xibka (Netwerk) Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru (ir-Regolament dwar l-interoperabilità) [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-holqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex l-użu ta' applikazzjonijiet ta' kollegamenti tad-dejta bejn l-ajru u l-art ikun possibbli, iċ-ċentri ta' kontroll taż-żona li jipprovdu servizzi ta' kollegamenti tad-dejta skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 29/2009 tas-16 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għas-servizzi ta' kollegamenti tad-dejta għall-Ajru Uniku Ewropew [3] għandu jkollhom aċċess f'waqtu għall-informazzjoni adattata tat-titjira.

(2) Sabiex l-unità ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru li jmiss tkun tista' tibda tagħmel l-iskambju ta' dejta mal-ajruplan, meta ċ-ċentri ta' kontroll taż-żona kkonċernati ma jkollhomx servizz komuni ta' konnettività ta' kollegamenti tad-dejta, għandhom jiġu implimentati proċessi awtomatizzati li jkunu relatati mal-informazzjoni u komunikazzjoni tal-log-on mal-awtorità li jmiss.

(3) L-Eurocontrol ingħata s-setgħa, skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, li jiżviluppa r-rekwiżiti għall-introduzzjoni kkoordinata ta' servizzi ta' kollegamenti tad-dejta. Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq ir-rapport tal-mandat riżultanti tad-19 ta' Ottubru 2007.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1032/2006 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għal sistemi awtomatiċi għall-iskambju ta' dejta tat-titjira għall-fini ta' notifikazzjoni, koordinazzjoni u trasferiment ta' titjiriet bejn unitajiet tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru [4] għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Ajru Uniku,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1032/2006 hu emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 3, għandu jiżdied dan il-paragrafu 4:

"4. Il-forniturі ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru li jipprovdu servizzi ta' kollegamenti tad-dejta skont ir-Regolament (KE) Nru 29/2009 għandhom jiżguraw li s-sistemi msemmijin fl-Artikolu 1(2)(a) u ċ-ċentri ta' kontroll taż-żona li joffru s-servizzi, jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' interoperabilità u prestazzjoni speċifikati fl-Anness I, Partijiet A u D.";

(2) L-Annessi I u III huma emendati kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 16 ta' Jannar 2009.

Għall-Kummissjoni
Antonio TAJANI
Viċi-President

[1] ĠU L 96, 31.3.2004, p. 26.
[2] ĠU L 96, 31.3.2004, p.1.
[3] Ara paġna 3 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[4] ĠU L 186, 7.7.2006, p. 27.

ANNESS

L-Annessi I u III tar-Regolament (KE) Nru 1032/2006 huma emendati kif ġejjin:

(1) Fl-Anness I, tiżdied din il-Parti D:

"**PARTI D: REKWIŻITI GĦALL-PROĊESSI LI JAPPOĠĠAW IS-SERVIZZI TA' KOLLEGAMENTI TAD-DEJTA**

1. LOGON FORWARD

1.1. Informazzjoni tat-titjira konċernata

1.1.1. L-informazzjoni suġġetta għall-proċess tal-logon forward għandha tinkludi, tal-anqas:

— l-identifikazzjoni tal-ajruplan,

— it-tluq mill-ajruport,

— l-ajruport tad-destinazzjoni,

— it-tip tal-logon,

— il-parametri tal-logon.

1.2. Regoli tal-applikazzjoni

1.2.1. Għandu jitwettaq proċess wieħed tal-logon forward għal kull titjira data-link logged-on ippjanata li se taqsam il-fruntiera tal-pajjiż.

1.2.2. Il-proċess tal-logon forward għandu jinbeda fl-aktar ħin kmieni mill-ħinijiet determinati minn dan li ġej, jew malajr kemm jista' jkun wara dan il-ħin:

— numru parametru ta' minuti qabel il-ħin stmat fil-punt ta' koordinazzjoni,

— il-ħin li fih it-titjira tkun f'distanza mill-punt ta' koordinazzjoni, liema distanza tkun miftiehma bilateralment,

skont l-ittri tal-ftehim.

1.2.3. Il-kriterji ta' eliġibilità għall-proċess tal-logon forward għandhom ikunu konformi mal-ittri tal-ftehim.

1.2.4. L-informazzjoni tal-logon forward għandha tkun inkluża mal-informazzjoni korrispondenti tat-titjira tal-unità li tirċeviha.

1.2.5. L-istatus logged-on tat-titjira jista' jintwera fil-pożizzjoni tax-xogħol adattata fl-unità li tirċeviha.

1.2.6. It-tlestija tal-proċess tal-logon forward, inkluż il-konferma mill-unità li tirċeviha, għandha tiġi pprovduta lill-unità li titrasferixxi.

1.2.7. F'każ li l-proċess tal-logon forward ma jikkonfermax li jkun lest, fil-limiti applikabbli tar-rekwiżiti ta' kwalità tas-servizz, dan għandu jwassal għal talba biex jinbeda kuntatt ta' kollegament tad-dejta bejn l-ajru u l-art għall-ajruplan.

2. NOTIFIKAZZJONI TAL-AWTORITÀ LI JMISS

2.1. Informazzjoni tat-titjira konċernata

2.1.1. L-informazzjoni suġġetta għall-proċess tan-notifikazzjoni tal-awtorità li jmiss għandha tinkludi, tal-anqas:

— l-identifikazzjoni tal-ajruplan,

— it-tluq mill-ajruport,

— l-ajruport tad-destinazzjoni.

2.2. Regoli tal-applikazzjoni

2.2.1. Għandu jitwettaq proċess wieħed tan-notifikazzjoni tal-awtorità li jmiss għal kull titjira eliġibbli li taqsam il-fruntiera tal-pajjiż.

2.2.2. Il-proċess tan-notifikazzjoni tal-awtorità li jmiss għandu jinbeda wara li t-talba tan-notifikazzjoni tal-awtorità li jmiss mal-ajruplan tiġi rikonoxxuta mis-sistema fl-ajru.

2.2.3. Wara li l-proċess tal-informazzjoni tan-notifikazzjoni lill-awtorità li jmiss isir b'mod xieraq, l-unità li tirċeviha għandha tagħti bidu għal talba għal komunikazzjoni ta' kollegament tad-dejta mal-pilota fil-kontroll (CPDLC-*controller pilot data link communication*) mal-ajruplan.

2.2.4. Jekk l-informazzjoni tan-notifikazzjoni tal-awtorità li jmiss ma tiġix riċevuta fil-ħin parametru miftiehem bilateralment, l-unità li suppost tirċeviha għandha tapplika l-proċeduri lokali biex jingħata bidu għal komunikazzjonijiet ta' kollegament tad-dejta mal-ajruplan.

2.2.5. It-tlestija tal-proċess tan-notifikazzjoni tal-awtorità li jmiss, inkluż il-konferma mill-unità li tirċeviha, għandha tiġi pprovduta lill-unità li titrasferixxi.

2.2.6. F'każ li l-proċess tan-notifikazzjoni tal-awtorità li jmiss ma jikkonfermax li jkun lest, fil-limiti applikabbli tar-rekwiżiti ta' kwalità tas-servizz, dan għandu jwassal biex jinbdew il-proċeduri lokali fl-unità li tittrasferixxi."

(2) Fl-Anness III, il-punti 2 u 3 jinbidlu b'dan li ġej:

"(2) Ir-rekwiżiti ta' interoperabilità u prestazzjoni speċifikati fil-paragrafi 3.2.4, 3.2.5, 4.2.3, 4.2.4, 5.2.3, 5.2.4, 6.2.3 u 6.2.4 tal-Anness I, Parti B u 1.2.6, 1.2.7, 2.2.5 u 2.2.6 tal-Anness I, Parti D għandhom jitqiesu wkoll bħala rekwiżiti tas-sikurezza.

(3) Għar-reviżjoni tal-koordinazzjoni, l-abrogazzjoni tal-koordinazzjoni, id-dejta bażika tat-titjira, il-proċessi tal-logon foreward u tan-notifikazzjoni tal-awtorità li jmiss, ir-rekwiżiti ta' kwalità tas-servizz speċifikati fl-Anness II għandhom jitqiesu wkoll bħala rekwiżiti tas-sikurezza."